**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 88**

**Data:** **4 ta' April, 2019**

**Hin:** **1.22pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *SegretarjuEzekuttiv* |

---

# AGENDA

88.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

88.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

88.5 Korrispondenza u Rapporti;

88.6 Gozo Alive;

88.7 Progetti u Xogholijiet;

88.8 Progett ta’ Afforestazzjoni fil-lokalita’;

88.9 Ftuh tac-Centru ta’ Kreattivita’;

88.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

88.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**88.1 Qari tal-ittri ta’ apologija**

88.1.1 Ma kien hemm ebda ittra ta’ apologija.

**88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

88.2.1 Il-Minuti ser jigu pprezentati fil-laqgha li jmiss.

**88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

88.3.1 Is-Sindku ta’ rendikont lill-Kunsill ta’ l-attivita’ ‘Fly to Smile’ fejn minkejja r-rih ma kienx dejjem tajjeb, l-attivita’ irnexxiet meta wiehed jikkunsidra li kemm il-Gimgha kif ukoll il-Hadd saru t-titjiriet. Waqt din l-attivita’ gie innotat bl-attivita’ sabiha li kien hemm fil-grawnd tal-futbol. Is-Sindku ssugerixxa li jigi ikkuntatjat supplier minn dawk li jipprovdu entertainment ghat-tfal biex jekk irid minghajr ebda spejjez versu l-Kunsill jiftah u jarma kull nhar ta’ Hadd fil-grawnd sabiex ikun hemm attivita’ kull nhar ta’ Hadd ghall-familja f’zona safe. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suggeriment u ra li l-ahjar hin ikun bejn il-11am u l-5pm. Pero’ qabel xejn il-Kunsill irid jara jkunx hemm provider li huwa interessat.

Lura ghall-attivita’ ‘Fly to Smile’ is-Sindku qal li l-Ministru ghal Ghawdex tat is-sapport taghha fejn anke il-Gimgha filghodu hija kienet prezenti waqt l-attivita’ tat-tfal. Is-Sindku zied jghid li wiehed irid jara kif tista’ tigi organizzata b’mod ahjar fejn fost ohrajn il-hinijiet l-ahjar jithallew ghal wara nofsinhar. Il-Vici Sindku staqsiet dwar kemm giet tiswa l-attivita’ fejn gie spjegat li qed jinhadmu l-kontijiet u fl-istess waqt gie spjegat li min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex kien hemm ghajnuna ta’ €10,000.

88.3.2 Is-Sindku qal li attivitajiet ohra fil-jiem li gejjin huma l-Infiorata tal-Melh ghaz-zmien ta’ l-Ghid, Infiorata fl-okkazjoni tal-festa tal-Madonna ta’ Pinu

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

f'Gunju b'fondi ta' ghajnuna mill-Ministeru ghal Ghawdex segwiti bil-Kites Festival, l-Opra u l-festival Make Music Great fejn ghal dan ta' l-ahhar il-Banda kienet akkwistat ghajnuna biex jigi organizzat.

88.3.3 Is-Sindku fakkar li fil-gimgha d-diehla l-Kunsill ser ikun qed jospita' delegazzjonijiet taht il-Progett 'Old Towns, Big Results' mir-Romania, Italia, Slovenia, Grecja u Portugal.

88.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li fis-6.15pm, iktar tard fil-gurnata ser issir laqgha ta' l-Infiorata fejn ser tigi diskussa l-Infiorata tal-melh ta' l-Ghid. Hawnhekk huwa spjega li ghal din is-sena ser isir tlett criki ta' disinni minflok wiehed fejn tnejn minnhom ser ikunu fuq iz-zuntier bil-permess ta' l-Arcipriet. Ghal din l-Infiorata ser jattendu Infjoraturi minn l-Gharb, Noto Sqallija u Sardegna. Ghal din l-Infiorata l-ghajnuna ser tkun ta' €5000 min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Jekk it-temp jippermetti din ser tibqa' fuq il-post wara l-Ghid.
Emanuel Muscat staqsa jekk tistax issir tinda f'kaz ta' temp hazin. Is-Sindku qal li f'dan il-kaz tista' tintuza t-tinda tal-Kunsill u ghall-ohrajn naraw ikunux possibli li jintuzaw it-tined l-ohra.
Emanuel Muscat staqsa kif ser jingarr il-melh fejn gie spjegat li dan ser isir bl-uzu tat-trakk tal-Kunsill. Gie spjegat ukoll li bhala melh ser ikun hemm bzonn ta' aktar minn 1000kg. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi b'din l-Infiorata.

88.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-Gimgha fl-10am ser issir konferenza gewwa s-sala tal-Kunsill mall-partners kollha tal-gemellagg. Wara l-konferenza ser isir ukoll lunch. Fil-gurnata tas-Sibt ser isir tour gewwa Ghawdex bil-Hop on Hop Off. Filghaxija ser imbghad ikun hemm l-ikla formali. Gie spjegat ukoll li fil-gurnata tal-Hamis id-delegazzjonijiet ser jattendu ghall-kuncert 'Ligum Vitae' organizzata mill-banda ta' l-Gharb. Il-Kunsilliera gew mitluba jinfurmaw lis-Segretarju jekk ikunux ser jattendu ghall-ikliet mad-delegazzjonijiet.

**88.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

88.4.1 Ma kien hemm ebda ittra ta' apologija.

**88.5 Korrispondenza u Rapporti;**

88.5.1 Ma kien hemm ebda korrispondenza.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

## 88.6 Gozo Alive

88.6.1 Fir-rigward ta’ l-attivita’ tal-Gozo Alive kif diga gie diskuss il-Kunsill ser ikun qed jippartecipa b’ikla tal-qaqocc bil-partecipazzjoni tal-Kunsill ta’ Niscemi l-Hadd wara nofsinhar. Din l-attivita’ ser tkun pubblicizzata fil-programm tal-Gozo Alive. Il-program ser jigi diskuss ahjar meta ser issir iz-zjara mill-Kunsilliera gewwa Sqallija fil-weekend li gej. Emanuel Muscat staqsa jekk il-Kunsill hux ser itella’ xi haga biex tigi ezebita’ gewwa Niscemi fejn gie spjega li l-Ministeru ghal Ghawdex ser jaghtuna xi materjal pubblicitarju dwar Malta. Aktar dettalji dwar il-program jergghu jigu diskussi fil-laqgha li jmiss.

## 88.7 Progetti u Xogholijiet

88.7.1 Gie spjegat li hemm problema minhabba l-asfalt in-naha ta’ isfel ta’ Triq Virtut. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mall-Avukat u Perit tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni. Saret diskussjoni dwar din il-problema fejn jista’ jkun li l-problema li gej ammont kbir ta’ ilma fil-pipijiet li jista’ jkun gej mil-lukanda. Il-Perit kien issugerixxa sabiex isir il-wicc sa qabel il-parti d-dejqa u l-bqija tigi *patched.* Tkompliet id-diskussjoni fejn wiehed ghad irid jara x’ha jirrizulta’ min-naha tal-Water Services qabel ttiehed decizjoni dwar dak li jista’ jsir.

## 88.8 Progett ta’ Afforestazzjoni fil-lokalita’

88.8.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu proposta minn NGO fejn dawn kien ser jipprovdu sigar indigeni biex jehlu f’xi zoni madwar il-lokalita’. Ghall-Kunsill m’hemm ebda’ spejjez ghajr jekk ikunu jridu jsiru xi toqob fis-sit indikat mill-istess Kunsill kif ukoll jiehu hsiseb li jsaqqihom ghall-ewwel sentejn. Min-naha tieghu s-Sindku ssugerixxa li jehlu sigar fit-triq Dahlet Maxwell fejn hemm bizzejjed wisa’ fit-triq, fi Triq ta’ Wied ir-Raghab, Wied il-Mielah u fejn il-grawnd tal-futbol. Emanuel Muscat issugerixxa fi Triq ta’ San Dimitri fejn il-pinnur filwaqt li Anthony Camilleri ssugerixxa post vicin is-site fejn hemm proposta l-kamra tan-nar u fejn il-hajt faccata tal-farm. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu juri l-interess u li jistieden lil din l-NGO sabiex jigu fil-lokalita’ u jaghtuna l-ideja taghhom ta’ fejn jista’ jsir.

## 88.9 Ftuh tac-Centru ta’ Krejattivita’

88.9.1 Is-Sindku spjega li l-ghan tal-Kunsill kien li jinfetah f’dawn il-jiem pero’ sfortuntament kien ghad baqa’ xi xoghol x’jitlesta’ fost ohrajn ix-xiri ta’ l-

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Iscanner fejn il-Kunsill kien qed jistenna approvazzjoni ta' direct order min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Gie spjegat li hekk kif kollox ikun f'postu tkun tista' tigi deciza d-data tal-ftuh. Il-Kunsill qabel li d-data ghanda tithalla ghal 15 ta' Mejju pero' decizzjoni finali ghandha tittiehed fil-laqgha li jmiss.

**88.10 Skeda ta' Pagamenti**

88.10.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill Lokali.

88.10.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-gurnata tal-bierah kien hawn l-awditur tal-Kunsill.

88.10.3 Giet ipprezentata talba ghal Disabled Parking fejn il-membri gew murija ritratti ta' fejn kienet qeghda ssir it-talba. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat it-talba lit-Transport Malta ghall-approvazzjoni taghhom.

88.10.4 Anthony Camilleri talab ghall-mera fejn is-substation fi Triq Frangisk Portelli. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lit-Transport Malta.

88.10.5 Gie spjegat li kif gie diskuss fl-laqgha ohra tal-budget, il-Kunsill ser johrog offerta' ghal ufficjal fi skala 11. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi bis-sejha interna u tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

88.10.6 Anthony Camilleri qal li f'Wied il-Mielah fejn il-Barumbara qed izomm l-ilma. Il-Kunsill qabel li ghandhom imorru l-haddiema u jaraw hemmx xi *blockage*.

**88.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

88.11.1 Gie deciz li d-data li jmiss ser issir nhar il-Hamis25 ta' April, 2019 fis-1.00pm.

88.11.2 Il-laqgha intemmet fis-2.00pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |